## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Rikors Maħluf Nru: 1143/2009**

**IVAN GRECH MINTOFF BĦALA KURATUR TA' MISSIERU DR. JOSEPH GRECH U B'DIGRIET TAL-5 TA' NOVEMBRU, 2012 L-ATTI ĠEW TRASFUŻI F'ISEM IVAN GRECH MINTOFF, EVER GRECH U MARY GRECH**

**VS.**

**MARIA BORĠ**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet kamerali li permezz tiegħu din il-qorti qiegħda tqajjem eċċezzjoni *ex officio* skont l-**artikolu 732A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Id-digriet qiegħed jingħata llum wara li din il-qorti, kif inhi issa magħmula, ħadet qies tal-atti kollha ta' din il-kawża, wara li b'ordni tal-Prim Imħallef mogħti fis-**<u>7 ta' Lulju, 2021</u>** (ara paġni 540 tal-atti), din il-kawża ġiet assenjata biex titkompla tinstema' mill-Imħallef hawn taħt iffirmat;

3. L-eċċezzjoni *ex officio* jew aħjar mistoqsija li din il-qorti tixtieq li l-partijiet jiddiskutu aktar fil-fond waqt il-mixi 'l quddiem ta' din il-kawża hija din:

*«Jekk l-atturi Ivan Grech Mintoff, Ever Grech u Mary Grech għadx għandhom interess ġuridiku li jkomplu għaddejjin b'din il-kawża (i) għan-nullità tat-trasferimenti inter vivos li saru bejn il-mejjet Dr. Joseph Grech u l-konvenuta Maria Borġ u (ii) għall-għoti ta' rendikont min-naħa ta' Maria Borġ dwar kif hija amministrat il-ġid ta' Dr. Joseph Grech waqt li kien għadu ħaj, ladarba b'testment magħmul fit-23 ta' April, 2002 (ara paġni 202 u 203 tal-atti), il-mejjet Dr. Joseph Grech ħalla bħala werrieta universali tiegħu lill-konvenuta Maria Borġ?»*

4. Illi l-qorti qiegħda tagħmel din il-mistoqsija fid-dawl tas-sentenza ***Mary Grech et v. Maria Borġ (Rik. Nru. 1238/12AE)*** mogħtija fit-28 ta' Marzu, 2014 (ara paġni 513 sa 518 tal-atti), fejn fiha l-Qorti tal-Appell ma ħaditx dehen ta' kawża għat-tħassir tat-testment tat-23 ta' April, 2002 magħmul minn Dr. Joseph Grech, minħabba li nstab li dik il-kawża kienet infetħet b'mod ħażin, u kif ukoll fid-dawl tax-xiehda mogħtija mill-attriċi Mary Grech fit-13 ta' Jannar, 2021, fejn qalet li ma nfetħitx kawża oħra biex jitħassar it-testment tat-23 ta' April, 2002 (ara paġna 523 tal-atti);

5. Naturalment il-qorti għadha ma tat l-ebda ġudizzju dwar din l-eċċezzjoni marbuta mal-interess ġuridiku tal-atturi li jissoktaw b'din il-kawża u qiegħda tirriżerva li tiddeċidiha b'sentenza aktar 'il quddiem, jekk ikun il-każ;

6. Li qed tagħmel għalissa din il-qorti huwa li b'ħarsien tal-**artikolu 732A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, hija qiegħda tgħarraf minn qabel lill-partijiet b'din l-eċċezzjoni *ex officio* li tixraq illi tiġi deċiża wkoll b'sentenza;

Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet, bit-tħaddim tal-**artikolu 732A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** l-qorti qiegħda ddaħħal bħala parti fil-kawża l-eċċezzjoni imsemmija f'paragrafu 3 ta' dan id-digriet u fl-istess ħin qiegħda tagħti lill-partijiet l-opportunità li jekk iridu jipproduċu l-provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom qabel tingħata xi sentenza dwarha;

Il-qorti tordna li l-kopja ta’ dan id-digriet għandu jiġi mgħoddi elettronikament lill-avukati Ian Refalo, Mark Attard Montalto, Michael Grech u Kevin Camilleri Xuereb.

**Digriet mogħti llum, nhar il-Ġimgħa, 6 ta’ Awwissu, 2021.**

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**